€26454

Tunnel ( Penderville Ltd
Sale Site 8

Illum sebgha u ghoxrin (27) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012).

Quddiemi Dottor Tania Spiteri Nutar Pubbliku fit-Taqsima Proprjeta' tal-Gvern, deheru personalment kif identifikaw ruhhom bid-dokumenti ufficcjali taht indikati:-

Min-naha wahda:Rosario Galea, Assistent Direttur, iben il-mejtin Agostino u Mary nee` Mifsud, imwieled iż-Żejtun u residenti San Pawl il-Bahar, bil-karta ta` l-identita` numru 143454M, hekk kif awtorizzat biex jidher fuq dan il-kuntratt fisem il-Gvern ta` Malta, bis-saħħa ta` Avviż numru tlett mija u ħamsin (350) maħruġ fil-gazzetta tal-Gvern tal-ħamsa (5) ta` Mejju tas-sena elfejn u disgħa (2009); minn hawn il-quddiem magħruf bħala 'l-Gvern ta' Malta'. Il-karti relattivi għal dan l-att huma mmarkati bħala 'Land' numru mitejn u tmenin żbarra elfejn u wieħed (L208/2001);

Min-naha l-ohra:

Peter Paul Diacono, chief executie officer, iben il-mejjet Salvu u Rita n ee' Wierth, imwieled tas-Sliema u residenti Maghtab, Naxxar bil-karta tal-identita'numru 432759M li qiegħed jidher fuq dan l-att fisem u in rappreżentanza tal-Kumpanija Penderville Limited bin-numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija C36675 hekk kif debitament awtorizzat skont rizoluzzjoni tal-board tal-istess kumpanija hawn annessa u mmarkata bl-ittra 'A'

| |
|---|
| Att Numru 97 |
| Bejgh |
| Insinwat Fid- |
| INS: |
| L/R: |
| LRC: |

Bis-saħħa ta' dan l-att il-Gvern ta' Malta qed ibiegh, jassenja u jittrasferixxi lill-imsemmija kumpanija kompratrici li taccetta, tixtri u takkwista is-sit li jifforma parti mis-sottoswol ta' Triq Sant'Andrija, San Giljan, u liema sit għandu l-kejl ta' circa tliet mija u tmintax (318m.k) u jmiss mill-Majjistral, mil-Lbic u mix-Xlokk mas-sottoswol ta' Triq Sant'Andrija, jew irjieh verjuri u aktar precizi.

Din is-sit qiegħed jinbiegh u jigi accettat kif indikat bil-kulur aħmar u bil-kulur blu fuq il-pjanta indikata bħala Property Drawing numru elfejn u ħdax underscore tlieta u disghin underscore ittra A (P.D.2011_93_A) li kopja tagħha qegħda tigi hawn annessa u mmarkata bl-ittra 'B', u kif identifikata fuq 'Survey Sheet' inserita fl-istess pjanta.

Dan il-bejgh qed isir u jigi accettat bil-prezz ta' ħamsin elf u għaxar Ewro (€50,010) li minnhom diga' tħallset qabel illum is-somma ta' għaxart elef Ewro (€10,000) permezz ta' 'Bid-Bond' filwaqt illi l-bilanc ta' erbgħin elf u għaxar Ewro (€40,000) qiegħed jigi prezenzjalment imħallas a pienu saldu tal-prezz lil Gvern ta' Malta, accettanti, mill-istess kumpanija kompratrici, u għalhekk qegħda tigi mogħtija ricevuta skond il-ligi.

L-ispejjes ta' dan l-att huma a karigu tal-kumpanija kompratrici.

Jigi dikjarat mill-partijiet li l-valur moghti lill-immobbli b'dan l-att mibjugh huwa gust u reali wara li jien Nutar taht iffirmat wissejt lill-partijiet dwar l-importanza ta' din id-dikjarazzjoni.

Ghall-fini ta' l-Att numru sbatax tas-sena elf disa' mija tlieta u disghin (1993) dwar Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti Ohra jigi dikjarat illi t-taxxa dovuta fuq dan l-att tammonta ghal elfejn u hames mitt Ewro u hamsin centezmu (€2,500.50)

Ghal fini ta' l-Att tas-sena elf disa' mija u tlieta u disghin dwar Taxxa fuq Qliegh Kapitali qed jigi dikjarat illi ebda Taxxa ma hija dovuta fuq dan l-att peress li l-Gvern huwa ezentat minn hlas ta' Taxxi.

Il-Kumpanija akkwirenti tiddikjara illi hija tikkwalifika sabiex takkwista l-proprjeta fuq trasferita minghajr bzonn ta' permess ta' l-akkwist ta' proprjeta immobbli minn persuni mhux residenti u dana peress illi:- Mhux anqas minn hamsa u sebghin fil-mija (75%) ta' l-ishma ta' l-istess Kumpanija kif ukoll mhux anqas minn hamsa u sebghin fil-mija (75%) tal-'controlling shares' relattivi huma ta' Cittadini tal-Unjoni Ewropeja u li ghexu Malta ghal perjodu kontinwu matul hajjithom ta' hames snin u li d-diretturi kollha huma ukoll cittadini tal-Unjoni Ewropeja u li ghexu Malta ghal perjodu kontinwu matul hajjithom ta' hames snin. Dina d-dikjarazzjoni qeda ssir wara li n-Nutar sottofirmat spjegalhom l-importanza taghha skond il-Ligi.

Ghal fini ta' subartikolu tnax (12) ta' artiklu hamsa (5) ittra kapitali 'A' (5A) tal-Ligi fuq it-Taxxa fuq il-Qliegh, il-partijiet jiddikjaraw illi min-naha taghhom iddikjaraw lin-Nutar sottoffirmat il-fatti kollha illi jiddeterminaw jekk it-trasferiment huwiex wiehed li ghalih artikolu 5A japplika u illi huma relevanti sabiex jigi accertat l-ammont propju ta' taxxa dovut jew xi ezenzjoni, inkluż il-valur illi fl-opinjoni taghhom ragonevolment jirrifletti il-valur fis-suq ta' l-istess propjeta jekk il-valur moghti huwa ghola mill-ammont imhallas ghat-trasferiment. Il-partijiet qeghdin jaghmlu din id-dikjarazzjoni wara illi jiena Nutar sottoffirmat widdibthom dwar l-importanza tal-veracita tad-dikjarazzjoni taghhom.

Ghal-fini ta' l-Att dwar Registrazzjoni tal-Artijiet qed jigi dikjarat ill l-proprjeta' in vendita tinsab f'zona ta' registrazzjoni.

Dan il-bejgh sar wara hrug ta' "Tender" pubbliku.

Kwalunkwe tilwim, kontroversja jew talba li johorgu minn jew li ghandhom x'jaqsmu ma dan il-kuntratt jew inkella ksur, it-terminazzjoni jew l-invalidita' tal-istess kuntratt, ghandhom jigu decizi permezz ta' procedimenti ta' arbitragg skond Taqsima IV (Arbitragg Domestiku) ta' l-Att dwar l-Arbitragg ta' Malta u r-regoli ta' l-arbitragg tac-Centru dwar l-Arbitragg ta' Malta kif inhuma fis-sehh. Ghall-ghanijiet ta' din il-klawsola, fkaz ta' tilwin, kontroversja jew talba:-

(a) in-numru tal-arbitri ikunu tlieta;
(b) l-awtorita li tappunta tkun ic-Centru ta' l-Arbitragg ta' Malta;
(c) l-arbitragg isir f'Malta u l-proceduri jsiru bl-ilsien Malti;

(d) il-ligi li tapplika hija l-Ligi Maltija

Dan l-att gie maghmul, moqri u pubblikat wara li gie minni Nutar imfisser skond il-ligi fMalta, il-Belt Valletta, fi Triq San Bastjan, fil-Berga tal- Baviera, bla numru.

Firmati:- Peter Paul Diacono
Rosario Galea
Tania Spiteri
Nutar Pubbliku fit-Taqsima Proprjeta'tal-Gvern.